**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Gregory Stellini**

Numru: 71/2014

Illum 27 ta' Ottubru 2015

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Gregory Stellini,** ta' erbgha u hamsin (54) sena, iben Joseph u Mary Anne nee' Buttigieg, imwieled Rabat, Ghawdex fit-22 ta' Mejju 1960, u residenti 32, 'Evergreen', Triq Ta' Bebunaq, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 31160(G), akkuzat talli nhar is-27 ta' Lulju 2014, f'xi hin bejn 23.30hrs u 23.45hrs, waqt li kien qieghed gewwa Sannat, Ghawdex u/jew fil-vicanzi;

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma tixtieqx l-vjolenza pubblika kontra PC570 Savio Vassallo, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li

kienet tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti u dan bi ksur ta' Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq PC570 Savio Vassallo, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku li jkun qieghed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezza' fuqu kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u dan ai terminu tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma' obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PC570 Savio Vassallo persuna inkarigata minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qieghed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rrifjuta li jaghti jew ta falz lill-ufficcjal pubbliku cioe' PC570 Savio Vassallo jew lil wiehed iehor li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura tal-ghamla Kia, bin-numru tar-registrazzjoni LCG 646, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluza u dan bi ksur tal-artikolu 15(1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rema, tefa' jew xorta ohra ddepozita f'post, gewwa post, jew minn xi post, fil-berah li l-pubbliku ghandu d-dritt jew jista' jidhol fih minghajr

hlas, u halla, xi haga tkun li tkun f'cirkostanzi tali li tikkaguna, tikkontribwixxi jew li tista' twassal ghal tkerrih biz-zibel u skart ta' xi post fil-berah u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 206 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat f'kaz ta' htija jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li din l-Onorabbli Qorti jidhirlha li hu xieraq;

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 19).

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet sottomissjonijiet finali da parte ta' Dr. Deborah Mercieca ghall-imputat, filwaqt li l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruhha ghall-atti processwali.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli indikati tal-Ligi, filwaqt li fuq nuqqas ta' provi tillibera lill-imputat mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mir-raba' (4), mis-sitt (6) u mis-seba' (7) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tat-tielet (3) u tal-hames (5) imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' mija u sittax-il ewro (€116).

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**